MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 56/2012

**A B bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C D B nominata permezz ta' digriet tat-3 ta' Mejju 2012**
**vs**
**E D, G H**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu wara li ppremetta:-

1. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat E D zzewgu f' Malta fit-28 ta' Novembru tas-sena 1997.

2. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat E D sseparaw de facto f' Ottubru tas-sena 2004.

3. Illi wara dan u cioe' fid-19 ta' JAr tas-sena 2011, ir-rikorrenti A B u l-intimat E D sseparaw ex lege u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li gie ppubblikat minn Nutar Liza Schembri.

4. Illi fid-9 ta' Ottubru tas-sena 2011, ir-rikorrenti A B welldet lit-tarbija minuri bl-isem ta' C hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid.

5. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri gie dikjarat illi missier it-tarbija kien l-intimat E D, fil-fatt il-minuri C giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti A B kellha ma' l-intimat l-iehor G H.

6. Illi l-paternita' tal-minuri C giet stabbilita' permezz ta' testijiet genetici apposta illi qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. D.

7. Illi ghalhekk l-intimat E D mhuwiex il-missier naturali tal-minuri C izda huwa l-intimat l-iehor G H li huwa l-missier naturali ta' l-istess minuri.

8. Illi r-rikorrenti nomine taf b' dawn il-fatti personalment u dana skont ma tiddikjara hi stess fl-affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok. E.

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi t-tarbija li twieldet lir-rikorrenti nomine nhar id-9 ta' Ottubru tas-sena 2011, bl-isem ta' C, m' hijix il-wild naturali ta' l-intimat E D, izda l-wild naturali ta' l-intimat l-iehor G H;

2. Tawtorizza u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri C illi ghandha n-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4570/2011 sabiex il-paternita' ta' l-istess minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att, u dan billi:

i. fil-kolonna fejn hemm indikat isem jew l-ismijiet li bih/ bihom it-tarbija ghandha tigi msejha,

tikkancella l-kunjom ‘D’ u tbiddlu bil-kunjom ‘H’ sabiex id-dettalji f’ din il-kolonna jigu jaqraw kif imiss: ‘C H B’;

ii. fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier C tikkancella l-isem ‘E D’ u tbiddlu bl-isem ‘G H’;

iii. fil-kolonna fejn hemm indikat id-dokument ta’ l-identita’ ta’ missier C flok ‘0323274M Maltese ID Card Number jitnizzel ‘4788433 Russian Passport Number’;

iv. fil-kolonna fejn hemm indikat eta’ ta’ missier C flok ‘37’ jitnizzel ‘34’;

v. fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tat-twelid ta’ missier C minflok ‘Pieta Malta’ jitnizzel ‘Novosibirsk Russian Soviet Federative Socialist Republic’;

vi. fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tar-residenza ta’ missier C flok ‘Cospicua Malta’, jitnizzel ‘Hamburg, Germany’;

vii. fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet (missier missier it-tarbija), flok ‘Louis D (alive)’ jitnizzel ‘Viktor H (alive)’;

viii. fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom omm C tikkancella l-kliem ‘the said’ sabiex id-dettalji f’ din il-kolonna jigu jaqraw kif imiss: ‘A B wife of E D’; u tawtorizza u tordna

ix. kull modifika ohra in vista ta’ l-ewwel talba, u jekk ikun opportun, f’ kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b' mod partikulari dwar il-paternita' tal-minuri C D B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-risultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess biex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti f' isimha proprju trid teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha li jgib in-numru ta' skrizzjoni 4570 tas-sena 2011;

3. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut E D (fol. 30).

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut G H (fol. 34).

Rat l-atti kollha.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2012 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi u talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti mill-attrici ai termini tad-digriet *in camera* ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ottubru 2012.

Ikkonsidrat;

**PROVI**

L-attrici A B u l-konvenut E D izzewgu fit-28 ta’ Novembru 1997 minn liema zwieg ma kellhomx tfal. L-attrici xhedet li qabel izzewgu kienu ilhom jafu lil xulxin ghal madwar sentejn. Ghal circa sitta jew seba’ snin ma kienx hemm problemi. Imbaghad iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minghajr htija partikolari ta’ l-ebda wiehed jew wahda minnhom u ghal habta ta’ Ottubru 2004 iddecidew li jibdew jghixu separatament minghajr ma fformalizzaw is-separazzjoni taghhom b’kuntratt.

Fis-sena 2010 hija iltaqet mal-konvenut G H u mieghu xtaqet li jkollha relazzjoni stabbli u jifformaw familja. Kien ghalhekk li talbet lill-konvenut E D sabiex jersqu ghall-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali li eventwalment gie ppubblikat min-Nutar Dr. Liza Schembri fid-19 ta’ JAr 2011.

Fid-9 ta’ Ottubru 2011 hija weldet lill-minuri C u peress li ma kienx ghadhom ghaddew tliet mitt jum mid-data tal-kuntratt tas-separazzjoni (Art. 280 (2) (b) tal-Kap.16), isem ir-ragel tal-omm tnizzel bhala missier it-tarbija. Kien ghalhekk mehtieg li tigi ntavolata kawza ta’ filjazzjoni sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri C jiccertifika min verament huwa missierha.

Fit-22 ta’ Marzu 2012 l-attrici intavolat il-kawza odjerna.

L-attrici ezebit “DNA Paternity Test Report” rilaxxjat fit-13 ta’ JAr 2012 minn l-Analista Dr Marisa Cassar li jiccertifika li l-probabilita’ li l-konvenut G H huwa missier il-minuri C hi ta’ 99.9999%.

Filwaqt li l-konvenut E D iddikjara li huwa jaf li mhux missier il-minuri stante li ma kellux relazzjonijiet intimi mal-attrici sa minn Ottubru 2004, l-konvenut G H iddikjara li huwa jirrikonoxxi lil C bhala bintu.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-kawza giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16;

Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:-

*"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-mara permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra r-raġel tagħha, il-missier naturali u t-tifel tagħha imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba hija tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qegħda tintalab li tiġi ddikjarata bħala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-missier naturali tat-tifel".*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.
2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.
3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri C li twieldet lill-attrici fid-9 ta' Ottubru 2011 ma hiex il-wild naturali tal-konvenut E D izda hija l-wild naturali tal-konvenut Andrey Ditzel gia' G H.

2. Tilqa' t-tieni talba fl-intier taghha u tordna lill-konvenut Direttur jaghmel l-emendi kollha mitluba b'dan illi kull fejn fit-tieni talba hemm referenza ghall-kliem "G H" jigu sostitwiti bil-kliem "Andrey Ditzel gia' G H".

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------